**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**Melvin Abela**

Illum 9 ta' Jannar 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Melvin Abela ta' 35 sena, iben Francis u Carmen nee' Bugeja, imwieled Pieta', fl-4 ta' Lulju 1977 u residenti 22, Triq il-Fikus, Zabbar, detentur ta' karta tal-identita' 378777(M):

Akkuzat talli nhar il-11 ta' Mejju 2013, ghal habta ta' 16:30 hrs, gewwa Haz Zabbar, ikkaguna griehi ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' John Gialanze' skont kif iccertifikat Dr Alison Micallef MD;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied;

U aktar fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurja jew hedded lil John Gialanze'.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari tieghu.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-artikoli 214 u 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 17, 31, 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li fil-11 ta' Mejju 2013 ikkaguna griehi ta' natura gravi u permanenti fuq John Gialanze', kif ukoll ghal ksur tal-bon-ordni u li ingurja jew hedded lill-istess.

Illi m'hemmx kontestazzjoni li l-ferita sofferta hija ta' natura gravi izda jinghad li ma giex ippruvat li hija ta' natura permanenti anki ghaliex l-espert Mario said spjega li nuqqas ta' smiegh li John Gialanze' ilmenta minnu m'ghandux x'jaqsam mal-ferita sofferta.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li John Gialanze' flimkien ma' martu u bintu kienu ghadhom kif hargu mill-quddiesa tal-funeral ta' hu l-istess Gialanze'. Kif huma waslu fil-pjazzetta ta' wara l-knisja parrokjali ta' Haz-Zabbar, il-parte civile iltaqa' ma' Charles Scicluna u beda jitkellem mieghu. Dan Charles Scicluna kellu l-karozza pparkjata barra mill-parking bays billi kien qieghed jistenna lill-Ministru billi xogholu huwa xufier. Mart John Gialanze' flimkien ma' binthom marru fil-karozza li kienet ipparkjata f'parking bay u harget il-karozza mill-parking bay u pparkjata b'mod vertikali wara l-karozza misjuqa minn Charles Scicluna. L-imputat dahal f'din il-pjazzetta bil-karozza tieghu biex issib parkegg u daqq il-horn biex Pauline Gialanze' iccaqlaq il-karozza taghha. Din Pauline Gialanze' ma jidhirx li fehmet mill-ewwel li l-imputat ried jipparkja u ghamlitlu sinjal biex jibqa' ghaddej. B'hekk l-imputat rega' daqq il-horn. John Gialanze' qalilha biex iccaqlaq il-karozza u fil-fatt hekk ghamlet. Melvin Abela ipparkja l-karozza tieghu.

Sa dan il-mument ma jirrizultax li hemm wisq kontestazzjoni dwar il-fatti kif esposti. Inkwantu ghall-bqija tad-dinamika tal-incident il-Qorti tinsab rinfaccjata b'kunflitt fil-provi. Min-naha ghandha quddiemha l-versjoni moghtija mill-familja Gialanze'. Fi ftit kliem huma xehdu li hekk kif l-imputat nizel mill-karozza tieghu huwa mar fejn it-tieqa tal-passiggier tal-karozza ta' Pauline Gialanze' u beda jixxena b'idejh u jghidilhom li t-triq ma xtrawhiex[1]. Ma tawx kasu u baqa' miexi. Tela' fuq il-bankina u baqa' miexi u beda jidghi. John Gialanze' semghu u qal lill-imputat li ladarba saqitlu kellu jhalliha bi kwietha. Melvin Abela beda jidghi bil-Madonna u offenda lil John Gialanze' bil-familja tieghu. John Gialanze' irrispondih lura bl-istess lingwagg. John Gialanze' xehed[2] li huwa qal lill-imputat li kien ghadu kif hiereg mill-funeral, l-imputat resaq lejh, tah daqqa ta' ponn, tajjarlu n-nuccali u hataflu widnejh u waqqghu fl-art. Dan gara fejn hemm l-'s' tal-istop sign. Pauline u Ritianne Gialanze' xehdu fuq l-istess binarju.

Min-naha l-ohra, il-Qorti ghandha quddiemha l-versjoni moghtija mill-imputat kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu – li ttiehdet wara li huwa kkonsulta ruhu ma' avukat – kif ukoll meta ghazel li jixhed viva voce. Fl-istqarrija tieghu l-imputat jammetti li kif nizel mill-karozza kellem lil mart John Gialanze' u qalilha ghalfejn kienet qeghda ssakkar il-parkegg. Minn hemm baqa' miexi lejn il-monument ta' Hompesch u rega' sema lill-parte civile ghalfejn kien se jibqa' sejjer u bdew jargumentaw u joffendu lil xulxin. Malli John Gialanze' sema' lill-imputat, Gialanze' nizel minn fuq il-bankina u qasam it-triq u mar fid-direzzjoni tieghu. Dak il-hin Gialanze' xejjer idejh ma' wicc l-imputat u qabdu f'xulxin, l-imputat ighid *'Naf li bdejna niggieldu u gejna fl-idejn u anki waqajna mal-art u gew xi nies jippruvaw iferquna imma ma setghux. Lili ghamilli xi grif ma' wicci u anki qattaghli ftit il-flokk minn wara u f'daqqa wahda rajtlu widnejh kollha demm. Jista' jkun li dak il-hin jien ghalaqt halqi u gdimtlu widnejh u nahseb li tajjartlu bicca mill-qarquca ta' widnejh ghax huwa kien rasu go fija u kellu widnejh ma' halqu. Jien dak il-hin kelli biza' u paniku kbir u bdejt niddefendi ruhi.'* Ighid li huwa nfixel ghaliex John Gialanze' aktar qabel kien qallu li kien se jifqalu wiccu.

---

[1] Ara xhieda ta' Ritianne Gialanze' tad-29 ta' Gunju 2013

[2] Seduta tat-12 ta' Gunju 2013

Meta xehed viva voce xehed fuq l-istess linja ghalkemm kien aktar dettaljat. Xehed li huma argumentaw: *"Jiena qieghed fuq il-bankina n-naha fejn hemm il-monument ta' Hompesch u huwa l-boghod minnu. U f'daqqa u l-hin qalli ibqa' sejjer gbin ghax nifqaghlek wiccek. Ghidtlu u tghid mhux hekk nibqghu jiena. Umbaghad f'daqqa u l-hin narah gej b'herra kbira ghal fuqi. Ir-ragel l-iehor li kien hemm mieghu li kien is-sur Scicluna prova jzommu imma lahaq zgiggalu u gie ghalija. Jiena xorta dak il-hin bqajt fuq il-bankina ghax ma bsartx li ha jasal li ha jaggredieni kif fil-fatt ghamel.*

*L-ewwel haga li ghamel b'idejh ix-xellugija hatafli l-leminija u bl-ohra tani daqqtejn ta' ponn hawnhekk jigifieri, got-tanbur ta' widnejja. U jiena ppruvajt nillibera ruhi minnu. Hatafli l-flokk u beda jcarratuli minn wara, minn hawn mill-ghonq jigifieri l-flokk qieghed ghandek tista' tarah jigifieri".*

In kontro-ezami xehed *"dik ma kellix l-intenzjoni jigifieri li nigdem, ghalaqt halqi ghax dak il-hin qiesni kont qed nifga imma mhux li ridt nigdimli widnejh just gdimtilu. Ovvjament umbaghad rajtha widnejh maqtugha. Jigifieri b'xi mod jew iehor taret din il-widna. Heq kien hemm id-demm man-number plate tal-karozza dik nista' nghid ukoll jigifieri imma zgur ma nhossx li qtajtilu jien widnejh. Filfatt sorry ma' halqi la kelli demm u lanqas mal-flokk nerga' nghidek qieghed Ghandi ma kienx hemm."*

Charles Scicluna jixhed li kien qieghed jistenna lill-Ministru billi hu xufier taghha. Kien fejn is-sigra fuq il-bankina bilqeghda fuq cint. John Gialanze' qallu li xtaq ikellem lill-Ministru li kienet qeghda l-funeral. F'hin minnhom wasal l-imputat, daqq il-horn biex jipparkja ghaliex kien hemm il-karozza tal-mara ta' John Gialanze'. Hija fehmitu li ried ighaddi u ma saqitx. Rega' daqq il-horn. John Gialanze' qalilha biex iccaqlaq billi l-imputat ried jipparkja u fil-fatt hekk ghamel. Ix-xhud kompla li l-imputat qabad nizel mill-karozza u sejjer 'l isfel. L-imputat nizel minn fuq il-bankina. Kif nizel l-isfel waqfu John Gialanze' u qallu biex darb'ohra messu daqq bil-mod. L-imputat irrispondih u bdew jargumentaw bil-kliem bejniethom. F'daqqa w il-hin imxew lejn xulxin u f'nofs it-triq qabdu jaghtu u gew kobba. Huwa beda jigbed lil John Gialanze' minn dahru. Huwa rahom jiggieldu flimkien. It-tnejn li huma habtu mal-karozza u habtu rashom. Ha xi ritratti dakinhar li esebixxa in atti. Huwa pprova jferraqhom. waqghu. Huwa jixhed li x'hin waqghu gew mal-bumper u habtu man-number plate. Huwa jixhed li kien Gialanze' li ta l-ewwel daqqa lill-imputat fil-genb ta' wiccu u mbaghad it-tnejn qabdu

f'xulxin. Ix-xhud sostna li ma rax lill-imputat jobzoq il-widna. Huwa sema' lill-imputat joffendi lil Gialanze' bil-familja tieghu.

Wara li l-Qorti qieset il-versjonijiet moghtija u ezaminat il-provi prodotti tqis li l-versjoni moghtija mill-imputat hija ferm aktar veritiera anki ghaliex hija korroborata mix-xhieda ta' Charles Scicluna li huwa xhud indipendenti ghall-partijiet u kif ukoll hija korroborata minn provi ohra fosthom id-demm fejn instan li allura jipprova li John Gialanze' qasam huwa lejn id-direzzjoni tal-imputat u mhux bil-kontra.

L-imputat issolleva l-eccezzjoni tal-legittima difiza. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Clint Zammit** [3] inghad:

*"L-imputat eccepixxa id-difiza ta' self defence ghar-rigward din l-akkuza. Persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.*

*Fil-fatt l-Artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:*

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

*Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.*

[3] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 2014

*Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Micallef' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:*

"*Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha.*"

*F'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:*

"*Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur.*"

*Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.*

*Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat)*

*qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tieghu tal-ligi penali jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila' jinghad li:*

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern tqis li l-elementi kollha jirrizultaw. Fl-ewwel lok kien Gialanze' li ta l-ewwel daqqa ta' ponn lill-imputat u mill-ewwel gew f'xulxin. Meta imbaghad John Gialanze' zamm lill-imputat bil-mod kif zammu ossija qabdu minn ghonqu l-imputat hassu qieghed jifga u ried jillibera ruhu u dan kif spjegat ben tajjeb mill-imputat innifsu w ippanikja u ghalhekk gidem lill-istess Gialanze'.

Dan kien incident sfortunat anki ghaliex huwa evidenti li l-istess Gialanze' kien emottivament fragili tenut kont tal-fatt li kien ghadu kif miet huh.

Illi inkwantu ghat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet dawn gew ippruvati mill-prosekuzzjoni billi bla ebda dubju rrizulta l-ksur tal-paci pubblika bi glied u ghajjat u inoltre' l-imputat offenda lill-istess Gialanze' b'familtu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-legittima difiza sollevata mill-imputat u dan inkwantu ghall-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' €58 ammenda ghat-tieni imputazzjoni u ghall-hlas ta' €58 ammenda ghat-tielet imputazzjoni.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda torbot lill-hati b'garanzija personali tieghu nnifsu ghaf-favur ta' John Gialanze' taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum sabiex izomm il-kwiet mieghu.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat